MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Numru. 1008/2008

**Il-Pulizija**
**(SpetturAnthony Portelli)**

**vs**

**Joseph Cini**

Kumpilazzjoni Nru: 1008/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Cini, ta' 44 sena, bin Joseph u Jane nee' Buttigieg, imwieled Pieta' fis-27 ta' Mejju, 1964, residenti f' post mhux maghruf u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 304664(M).

Akkuzat talli gewwa ta' Sliema nhar l-20 ta' Ottubru, 2008 ghall-habta tas-6:15 ta' filghaxija bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'

l-iSpettur Jeffrey Cilia u l-Kuntistabbli tal-Pulizija 294 Robert Ebejer f' periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' l-iSpettur Jeffrey Cilia

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Kuntistabbli 294 Robert Ebejer, skond ma ccertifika Dr K Borg MD ta' l-iSptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb ta' kontra l-iSpettur Jeffrey Cilia u tal-Kuntistabbli 294 Robert Ebejer, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti, waqt liema attakk jew rezistenza, uza arma regolari, jew ha fuqu minn qabel din l-arma bil-hsieb li jghin dak l-attakk jew rezistenza, u nqabad b' din l-arma fuqu;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ngurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' l-iSpettur Jeffrey Cilia u tal-Kuntistabbli 294 Robert Ebejer, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li teccedi l-valur ta' hamsin lira maltin (23.29 euro) saret ghad-dannu tal-Kuntistabbli 294 Robert Ebejer;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel diversi ufficjali tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b' ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli gewwa l-iMsida nhar il-5 ta’ Settembru 2008 ghall-habta tal-5:15 ta’ filghodu bhala persuna mizmuma skond il-ligi gewwa l-isptar Mater Dei, harab mill-kustodja tal-persuni nkarigati mill-kustodja tieghu u dan bi ksur ta’ l-artikolu 152 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli gewwa l-Kwartieri Generali tal-Puliziaj l-Floriana, hedded u ngurja lill-iSpettur Silvio Valletta, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta’ dan is-servizz;

Talli matul ix-xhur ta’ Ottubru 2008 u fix-xhur ta’ qabel f’ lokalitajiet u f’ cirkostanzi differenti bil-kliem insulenta u hedded lil Carmelo Gerada u Miriam Bouvet u persuni ohra;

Talli fl-istess cirkostanzi gab ruhu b’ mod li ta fastidju lil Carmelo Gerada u Miriam Bouvet u persuni ohra b mod li kien jaf jew imissu kien jaf li dan ikun ta fastidju lil dawk il-persuni;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi, l-imgieba tieghu kkaguna biza’ lil Carmelo Gerada u Miriam Bouvet li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta’ taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Art 222(1);

U fl-ahhar nett talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta’ l-Appell u mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta:
a) 214, 215, 216(1)(a)(b)(c)(d), 216(2), 222(1)(c);
b) 214, 215, 221(1), 222(1)(c);

c) 152;
d) 95(1)(2)(3), 96(a);
e) 325(1);
f) 338(ee), 339(d)(e);
g) 17, 31, 49, 50 u 533.

Rat li l-imputat ma kellux oggezjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Rat id-degriet tal-11 ta’ Ottubru 2011 meta din il-kawza giet temporanjament assenjata lil din il-Qorti kif preseduta, u d-degriet tat-22 ta’ Marzu 2012 li permezz tieghu l-kawza giet definitivament assenjenata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza titratta fatti li sehhew f’Settembru u Ottubru tas-sena 2008. Gara li fil-5 ta’ Gunju 2008 kienet saret serqa minn residenza f’H’Attard u s-suspetti waqghu fuq l-imputat odjern Joseph Cini tant li kien inhareg mandat ta’ arrest fil-konfront tieghu. Dan il-mandat gie esgwiet f’l-4 ta’ Settembru 2008. L-imputat kien gie intercettat f’Birzebbugia u hekk kif kien qed jittiehed il-depot tal-pulizija huwa allega li kien qed ihossu hazin ghalhekk il-pulizija baqghu sejrin bih l-isptar. Hemmhekk, meta kien ghadu fid-dipartiment ta’ l-emergenza, huwa gie servut ufficjalment bil-mandat t’arrest minn PS1152 Manuel Saliba u konsegwentement kien qieghed fi stat ta’ arrest. Fil-verita f’l-istess perjodu kien hemm zewg mandati ohra kontra l-imputat, wiehed minhabba li kien kiser kundizjonijiet imposti permezz ta’ degriet mghoti ai termini ta’l-artikolu 412A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-iehor kien jirreferi ghall-konverzjoni ta’ multa f’perjodu ta’ prigunerija (respite warrant), pero dak li gie esegwiet u servut lill-imputat kien il-mandat mahrug fil-kors ta’l-investigazzjoni dwar is-serqa li sehhet fil-5 ta’ Gunju 2008. F’l-4 ta’ Settembru 2008 l-imputat inzamm l-isptar u baqa’

taht skorta ta’ zewg pulizija. L-ghada fil-ghodu (cioe fil-5 ta’ Settembru 2008) inqalghet emergenza fis-sala fejn kien qieghed l-imputat ghaliex kien hemm pazjenta li kellha bzonn CPR u fil-konfuzjoni li nholqot l-imputat harab. F’dawn ic-cirkostanzi nhareg mandat iehor fil-konfront ta’l-imputat.

Illi f’l-20 ta’ Ottubru 2008 l-iSpettur Jeffrey Cilia u PC294 Robert Ebejer kienu qeghdin f’karozza tas-servizz ghaddejjin f’High Street Sliema vicin The Palace Hotel meta lemhu lill-imputat miexi fit-triq; huma kienu jafu li kien hemm mandat ta’ arrest fil-konfront ta’l-imputat ghalhekk waqfu biex jarrestawh. Huma talbu lill-imputat biex jidhol fil-karozza taghhom biex jihduh id-depot pero huwa ma kkoperax maghhom u spiccaw kellhom idahhluh huma fil-karozza; huwa rrezista l-arrest u z-zewg pulizija kellhom jissaraw mieghu biex irnexxielhom jimmanettjawh u jdahhluh fil-karozza; tul dan il-hin l-imputat kien qed jghajjar, joffendi u jhedded liz-zewg pulizija pero b’mod partikolari lill-ispettur. F’din it-taqbida l-iSpettur Cilia spicca b’tendon ta’ idejh imcarrat u PC 294 Robert Ebejer sofra xi griehi hfif minbarra li nkisirlu n-nuccali. L-imputat l-ewwel ittiehed l-ghassa ta’ Sliema u minn hemm ittiehed id-depot u tul dan il-hin kollu huwa baqa jghajjar u jhedded lill-ispettur. Meta ttiehed id-depot huwa ittiehed f’l-ufficju ta’ l-iSpetturAnthony Portelli (li kien duty officer fil-mument tar-riarrest ta’ Cini) u l-iSpettur (illum Supretendent) Silvio Valletta; dan gara l-ghada fil-ghodu fil-fatt cioe fil-21 ta’ Awwissu 2008. Anke hawn l-imputat kien vjolenti u f’xi hin anke hebb ghall-iSpettur Silvio Valletta; kien biss intervent tas-Supretendent Sandro Gatt li waqqaf lill-imputat milli jagredixxi lill-iSpettur Valletta. Eventwalment is-sitwazzjoni ikkalmat u aktar tard dak in-nhar l-imputat tressaq il-Qorti b’l-imputazzjonijiet odjerni.

Ikkunsidrat

Illi ai termini tan-nota ta’ rinviju ghall-gudizju ta’l-Avukat Generali l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma s-segwenti:

B’referenza ghall-fatti li graw f’l-20 ta’ Ottubru 2008 ghall-habta tas-6.15pm fi Sliema:

a) Offiza ta’ natura gravi a dannu ta’l-iSpettur Jeffrey Cilia;
b) Offiza ta’ natura hafifa a dannu ta’ PC294 Robert Ebejer;
c) Attakk u rezistenza lil ufficjal pubbliku;
d) Ingurja u theddied lil ufficjal pubbliku;
e) Hsara volontarja a dannu ta’ PC294 Robert Ebejer;
f) M’obdiex ordnijiet legittimi mghotija lilu mill-pulizija.

B’referenza ghal fatti li graw fil-5 ta’ Settembru 2008 ghall-habta ta’ 5.15am f’l-Imsida:

g) Harab mill-kustodja ta’ persuni inkarigati mill-kustodja tieghu;

Minghajr referenza ghal xi data hin u lok:

h) Hedded u ingurja lill-iSpettur (illum Supretendent) Silvio Valletta;

Hemm migjuba ukoll kontra l-imputat l-imputazzjoni dwar recidiva.

Illi ghandu jigi rilevat li fic-citazzjoni hemm tlett imputazzjonijiet ohra migjuba kontra l-imputat: dik li nsolenta u hedded lil Carmelo Gerada u Miriam Bouvet, li ta fastidju u li ikkaguna biza’ lill-istess persuni li ser tintuza vjolenza kontra taghhom. Dawn it-tlett imputazzjonijiet pero ma gewx inkluzi fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li waqt l-udjenza mizmuma fit-3 ta’ Dicembru 2008 l-imputat kien qajjem l-eccezzjoni ta’ ne bis in idem fir-rigward ta’l-imputazzjonijiet li jirrigwardaw lil Carmelo Gerada. Mill-verbal ta’ dik l-udjenza jidher li huwa kien qed jibbaza din l-eccezzjoni fuq il-fatt li huwa kien diga gie akkuzat u sentenzjat b’imputazzjoni simili dwar fatti li graw f’jum partikolari f’Awissu 2008. F’dan ir-rigward il-Qorti f’l-ewwel lok tirrileva li ma tressqet l-ebda prova in sostenn ta’ din l-eccezzjoni, u fit-tieni lok jirrizulta li l-imputazzjonijiet odjerni, in kwantu jirrigwardaw lil Carmelo Gerada, huma bazati fuq fatti li graw matul ix-

xahar ta’ Ottubru 2008 u mhux Awissu 2008. Fi kwalunkwe kaz la darba l-imputazzjonijiet li jikkoncernaw lil Carmelo Gerada ma gewx inkluzi fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali u l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ukoll ta’ l-eccezzjoni sollevata mill-imputat. Ai fini ta’ kompletezza jigi rilevat ukoll li l-imsemmija Carmelo Gerada u Miriam Bouvet irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali.

Illi b’referenza ghat-tielet imputazzjoni dwar attakk u rezistenza ghal ufficjal pubbliku ghandu jigi tilevat li fic-citazzjoni hemm migjub kontra l-imputat l-aggravvju ravvizat f’l-artikolu 97 tal-Kapitolu 9 tal Ligijiet ta’ Malta cioe l-aggravju ta’ garr jew uzu ta’ arma regolari waqt li persuna tattakka jew tirrezisti ufficjal pubbliku. Dan l-artikolu pero ma giex inkluz fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dan l-aggravju.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel sitt imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat jirreferu ghal dak li gara f’High Street Sliema meta l-iSpettur Jeffrey Cilia u PC294 Robert Ebejer kienu qed jarrestaw lill-imputat. Jibda biex jinghad li fis-sottomissjonijiet tieghu l-imputat ma kkontestax il-fatt li huwa kellu jigu arrestat, lanqas ma jikkontesta l-fatt li huwa rrezista l-arrest; huwa qed jilmenta ghal mod kif gie arrestat u li konsegwentement kellu dritt jirrezisti l-arrest.

Illi dwar dak li gara dak in-nhar fil-mument ta’ l-arrest ta’l-imputat taw id-depozizzjoni taghhom kemm l-iSpettur Cilia u PC294 Robert Ebejer, kif ukoll l-imputat.

Illi l-iSpettur Cilia spjega kif hu u l-kollega tieghu kienu fil-vettura tas-servizz f’High Street Sliema meta lemah lill-imputat. Huwa ta dettalji dwar fejn waqqfu l-vettura, b’mod li High Street kienet ibblukkata ghat-traffiku ta’ vetturi. Spjega li kien huwa l-ewwel li mar fuq l-imputat u kellem lill-imputat; qallu biex jidhol fil-karozza pero l-imputat ma riedx u prometta li l-ghada kien ser imur id-depot hu minn

jeddu. L-iSpettur baqa jinsisti li l-imputat kellu jidhol fil-vettura pero dan baqa jinsisti li ma jridx. Sadanittant l-imputat beda jgholli lehnu u l-iSpettur ha l-impressjoni, mill-mossi li kien qed jaghmel l-imputat, li kien ser jerga jipprova jahrab, ghalhekk qabdu minn spalltu u minn dirghajh. L-imputat irreagixxa billi beda jaghti b’l-idejn u bis-sieq. Sadattant wasal hdejhom il-kuntistabbli Ebejer; dan ukoll zamm lill-imputat li aktar irvella u beda jghati aktar, jghajjar liz-zewg pulizija u jitkellem hazin. Waqt din it-taqbida l-iSpettur Cilia hass ugih kbir f’idejh u kellu jitlaq lill-imputat li baqa jipprova jikkontrollah l-kuntistabbli wahdu. L-iSpettur rega’ prova jikkonvinci lill-imputat biex jikkopera pero ghalxejn; peress li l-kuntistabbli wahdu ma setghax jikkontrolla lill-imputat l-iSpettur Cilia rega’ intervjena; hu issa kien qed juza id wahda biss. B’xi mod iz-zewg pulizija rnexxielhom jikkontrollaw lill-imputat u jimmannettjawh; dahhluh fil-vettura u haduh l-ewwel l-ghassa ta’ Sliema u mbaghad id-depot. Tul it-traggit l-imputat baqa jghajjat u joffendihom. L-iSpettur Cilia spjega ukoll li meta waslu l-ghassa ta’ Sliema ma l-imputa riedx johrog mill-vettura u kellhom johorguh mill-vettura u jdahhluh f’l-ghassa huma. Wara li hadu lill-imputat id-depot l-iSpettur ittiehed l-isptar. Hemm irrizulta li kellu tendon imcarrta u kellu bzonn zewg interventi kirurgici biex jigi ristabbilit.

Illi PC294 Robert Ebejer qal li x’hin kien riesaq lejn l-iSpettur u l-imputat, sema lill-iSpettur jipprova jikkonvinci lill-imputat biex jidhol fil-vettura u mbaghad ra lill-imputat qed jara kif ser jaghmel biex jahrab. Ikkonferma li l-imputat beda jimbotta u jxejjer b’idejh huma u jippruvaw imexxuh lejn il-karozza. Qal ukoll li f’dik it-taqbieda irealizza li l-iSpettur kien wegga u li minkejja hekk l-imputat xorta baqa jirrezisti u anke beda jghajjar lilu u jhedded lill-iSpettur Cilia. PC294 kompla jispjega kif b’xi mod irnexxielhom jimmanettjaw lill-imputat u jdahhluh fil-karozza u spjega ukoll li l-imputat baqa jiggieled u jaghti, anke waqt li kienu qed isuqu lejn l-ghassa ta’ Sliema. PC294 qal ukoll li f’din it-taqbieda huwa soffra  griehi ta’ natura hafifa u nkisirlu in-nuccali.

Illi l-imputat minn-naha l-ohra jghid li hu kien qieghed ta' Sliema meta marru fuqu l-pulizija u mill-ewwel qabdu jghatuh. Skond l-imputat l-iSpettur "*qalli taf li inti wanted, ghidtlu le ma nafx u qabdu jtuni fit-triq....... gew tal-mobile fil-prezena tas-Sur Cilia u baqghu jtuni.... meta dhalna l-ghassa ta' Sliema baqghu jtuni u harguni mill-karrozza ghax ma ridtx nohrog u baqghu jtuuni............qeghduni go siggu .................... is-Sur Cilia baqa jtini f'l-ghassa ta' Sliema.....*".

Illi l-imputat qal hafna affarijjiet ohra u ghamel hafna allegazzjonijiet ohra li ai fini ta' dawn l-imputazjonijiet b'mod specifiku u ghall-kawza odjerna b'mod generali huma ghal kollox irrilevanti.

Illi mir-riassunt tat-tlett verzjonijiet moghija dwar dan l-incident jidher car li hemm kunflitt kbir bejn il-verzjoni moghtija miz-zewg pulizija min-naha u l-verzjoni mghotija mill-imputat min-naha l-ohra. F'dan ir-rigward huwa ben stabbilit li f'kaz ta' kunflitt il-Qorti m'ghandhiex necessarjament tillibera lill-imputat imma ghandha tevalwa d-depozizzjonijiet kunfliggenti fid-dawl ta'l-assjem tal-provi u tara minn ghandu jigi emmnut u f'xiex.

Illi d-difiza qed tipprova tattakka l-kredibilita ta'l-iSpettur Cilia u ssostni l-verzjoni taghha li kien l-imputat li gie attakkat u mhux vice versa, billi taghmel referenza ghal xi incidenti li allegatament jikkoncernaw lill-imsemmi Spettur u gew imxandra fil-media ricentement. F'dan ir-rigward il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirrileva li hija tista' tiehu biss konjizzjoni ta' fatti mressqa u li gew pruvati fil-proceduri odjerni; allegazzjonijiet maghmula fil-konfront ta' kwalunkwe persuna u mhux pruvati ghandhom necessarjament jigu skartati. L-imputat qed jistieden lill-Qorti biex tassumi li l-iSpettur Cilia kien vjolenti mieghu (b'mod li huwa kien gustifikat li jirrezisti l-arrest) u dan a bazi ta' l-allegazzjonijiet imsemmija. Dan il-Qorti ma tistax taghmlu. Hekk kif il-Qorti ma tistax tassumi li l-imputat huwa hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu minkejja li huwa pluri- recidiv b'diversi kundanni ghal reati identici ghal dawk in ezami u minkejja li fil-kaz tieghu il-kundanni mhumiex allegazzjonijiet imma fatti pruvati, b'l-

istess mod hija ma tistax tassumi li l-iSpettur Cilia kien vjolenti ma'l-imputat minhabba dawk li s'issa huma allegazzjonijet migjuba kontra tieghu. Kif diga ntqal huma il-fatti pruvati fil-kors tal-proceduri odjerni li jistghu jittiehdu in konsiderazzjoni u huma dawn il-fatti pruvati li ser jaghtu kredibilita lil wiehed jew lill-iehor.

Illi  l-imputat jallega li f'High Street Sliema huwa gie attakkat l-ewwel mill-iSpettur u l-kuntistabbli, mbaghad minnhom flimkien ma' pulizija tal-mobile (ghalkemm minn imkien ma jirrizulta li tal-mobile marru fuq il-post); jghid li rega gie attakkat meta kienu qed johorguh mill-karozza hdejn l-ghassa ta' Sliema u anke meta dahhluh f'l-ghassa ta' Sliema. Dan l-incident sehh ghall-habta ta' 06.15pm. Peress li meta l-imputat wasal id-depot u kien qed jigi registrat fil-lock up beda jallega li kien gie attakkat ingieb tabib u anke ittiehed l-isptar. Ic-certifikat irrilaxxjat mit-tabib ta'l-emergenza (certifikat rilaxxjat f'l-10.00pm u konfermat b'gurament quddiem din il-Qorti) jindika li l-imputat gellu girfa fil-polz ta' idu il-leminija, u *tenderness* f'sidru; jirrizulta specifikat li ma kellux haematomas, ma kellux bruising, ma kellux discolouration u l-x-rays ta' sidru u spallejh kienu normali. Huma dawn il-kostatazzjonijiet li jgiddbu lill-imputat ghaliex kieku kien minnu dak li allega l-imputat dwar is-swat li qala zgur li kien ikollu xi marki ohra jew griehi ohra minbarra girfa (abrasion) fil-polz ta'idu u tenderness f'sidru.

Illi min-naha l-ohra m'hemm xejn mill-provi prodotti li b'xi mod igidded sia lill-iSpettur u sia lill-kuntistabbli fil-verzjoni mghotija minnhom; in oltre c-certifikati medici rilaxxjati fil-konfront taghhom jikkoroboraw dak li huma qalu fid-depozzjoni taghhom. F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li taghti kredibilita lill-verzjoni taz-zewg pulizija imsemmija u tiskarta dik ta'l-imputat. Konsegwentement ma tirriziulta l-ebda raguni li a bazi taghha l-imputat seta' jiggustifika r-rezistenza li ghamel ghall-arrest tieghu u ghall-vjolenza li huwa rrikkorra ghaliha meta z-zewg pulizija imsemmija marru fuqu biex jarrestawh.

Illi dwar il-griehi sofferti mill-iSpettur u mill-kuntistabbli jirrizulta ampjament mill-provi prodotti li l-kuntistabbli soffra griehi hfif u li l-iSpettur sofra griehi gravi. Dwar il-griehi sofferti mill-iSpettur, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizju l-Avukat Generali kkwota erbgha subparagrafi ta'l-artikolu 261(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe is-subparagrafi "a", "b", "c" u "d". Mill-provi prodotti pero ma jirrizultax li l-offiza sofferta mill-iSpettur ipperforat xi wahda mill-kavitajiet tal-gisem.

Ili dwar il-hsara volontarja a dannu ta' PC294 Robert Enejer mill-provi prodotti ma jirrizultax il-valur tan-nuccali li nkiser jew kemm kienet l-ispiza biex jissewwa in-nuccali ghalhekk il-Qorti ser ikollha tassumi li l-hsara ma teccediex €23.29.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel sitt imputazzjonijiet gew sodisfacjentement pruvati b'dan li ai fini ta'l-ewwel imputazzjoni l-griehi sofferti mill-iSpettur Cilia huma dawk elenkati f'l-artikolu 216(1)(a)(b) u (d) u mhux f'artikolu 261(1)(c), u b'dan li ai fini tal-hames imputazzjoni l-imputat qed jinstab hati tar-reat ravvizat f'l-artikolu 325(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi is-seba' imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat generali hija dik ravvizata f'l-artikolu 152 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi mill-provi jirrizulta li fil-5 ta' Settembru 2008 l-imputat kien gie arrestat mill-pulizija waqt li kien Birzebbugia. Meta kien qed jittiehed id-depot l-imputat ilmenta li kien qed ihossu hazin ghalhekk il-pulizija baqghu sejrin bih l-isptar. Meta kien ghadu fid-dipartiment ta'l-emergenza PS1152 Manuel Saliba servih b'mandat li kien inhareg fil-konfront tieghu in konnessjoni ma' serqa li sehhet fil-5 ta' Gunju 2008. L-imsemmi surgent qal b'gurament li huwa lill-imputat mhux biss tah il-mandat imma anke qrahulu. Minn dak il-mument l-imputat kien fi stat ta' arrest u ghalhekk huwa ma setghax jitlaq mill-isptar jekk mhux

biex imur id-depot mal-pulizija li kienu hemm skorta mieghu. Dawn il-fatti mhux qed jigu kontestati mill-imputat.

Illi mill-provi prodotti pero ma jirrizultax li waqt li kien qed jahrab mill-isptar l-imputat uza vjolenza jew wettaq xi ksur.

Illi tenut kont ta’ dan l-imputat ghandu jinstab hati tar-reat minuri ravvizat f’l-artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kompriz u involut fir-reat indikat f’l-artikolu 152 kwotat mill-Avukat Generali.

Ikunsidrat

Illi t-tmien imputazzjoni migjuba kontra l-imputat tirreferi ghal theddied u nguriji fil-konfront ta’ l-iSpettur (illum Supratendent) Silvio Valletta fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija; m’hemm l-ebda indikazzjoni ta’ data u hin ta’ meta suppost sehhew dawn ir-reati.

Illi huwa principju ben stabbillit li c-citazzjoni ghandha ssemmi l-fatti ta’l-akkuza bil-partikolaritajiet ta’ zmien u lok. It-tmien imputazzjoni fic-citazzjoni ssemmi l-fatti u partikolaritajiet ta’ lok pero mhux dawk ta’ zmien stante li m’hemm l-ebda indikazzjoni ta’ data u hin.

Illi s-Supretendent Valletta (u anke s-Supretendent Sandro Gatt) jirrakkontaw fatti li sehhew fil-21 ta’ Ottubru 2008 pero minhabba n-nuqqas tal-partikolaritajiet fic-citazzjoni ma jistghax jigi stabbilit bil-mod u fil-grad rikjest mill-Ligi jekk l-imputat kien qed jigi akkuzat b’referenza ghal dan l-episodju rakkontat miz-zewg supratendenti jew ghal xi episodju iehor. Konsegwentement din l-imputazzjoni ma tistax titqies li giet pruvata.

Ikkunsidrat

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ reciediva. Din tirrizulta ampjament pruvata ukoll mis-sentenzi esebieti.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-ewwel fattur li ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-Qorti hija n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Konsiderazzjoni ohra bla dubbju hija l-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda refrettarja ghall-ahhar. L-imputat gie ikkundannt almenu tlettin darba qabel illum ghal varjeta shiha ta' reati inkluz ghadd ta' kundanni ghal reati identici ghal dawk li taghhom qed jinstab hati llum.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-disgha, l-ghaxar u l-hdax il-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat fic-citazzjoni u l-eccezzjoni ta' ne bis in idem sollevata mill-imputat, u fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tmien imputazzjoni migujba kontra tieghu fic-citazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95(1), 96(a), 151, 214, 215, 216(1)(a)(b)(d), 221(1), 222(1)(c), 325(1)(d), 338(ee) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b'dan li ai fini tas-seba' imputazzjoni qed issibu hati tar-reat minuri, kompriz u involut u ravvizat f'l-artikolu 151 tal-Kapitolu 9, u tikkundannah erbgha snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------